# Il-Kwadru tal-Kunċizzjoni fil-Knisja ta' Sant'Antnin – B'kara

*Minn Stephen Spiteri*



Hekk kif tidħol fil-knisja ta' Sant'Antnin ġewwa Birkirkara u tmur biex tidħol fis-sagristija fuq ix-xellug ta' l-altar maġġur żgur li għajnejk imorru fuq il-kwadru li hemm fuq l-altar tal-ġenb iddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni. Dan il-kwadru huwa xogħol il-pittur E.V.CREMONA u sar fis-sena 1961. Dan il-kwadru ħallsu għalih Spiridion u Genoveffa Mizzi.

F'dan il-kwadru jidhru ħames figuri. Fin-nofs tidher il-figura ta' l-Immakulata Kunċizzjoni libsa lbies abjad simbolu tal-purita'. Madwar rasha għandha ħdax –il stilla, idejha qegħdin ma' xulxin. Taħt riġlejha nsibu n-nofs qamar simbolu universali. Marsus bejn in-nofs qamar u riġlejn il-Madonna naraw is-serp simbolu tax-xitan. Fuq in-naħa tal-lemin naraw żewġ figuri, l-ewwel figura turina patri Franġiskan qed iżomm dar f'idu. Dan hu San Ġużepp ta' Copertino, u d-dar li għandu f'idu hija d-dar tal-Madonna ta' Loretu. Dan għaliex il-kunvent li kien jgħix fih San Ġużepp ta' Copertino kien ftit bogħod mid-dar tal-Madonna ta' Loretu u kull meta kien jgħaddi minn quddiemha tant kien iħoss ferħ kbir ġewwa fih li kien jinqata' mill-art. It-tieni figura turina lill-Beatu Maximilian Kolbe (fil-fatt ma' għandux dijadema minħabba li Maximilian kien ġie ddikjarat qaddis fis-sena 1982, wieħed u għoxrin sena wara li sar il-kwadru). F'idu qed iżomm il-medalja tal-Milizzja ta' l-Immakulata li waqqaf huwa stess. Huwa miet martri fil-kamp tal-konċentrament ta'Auschwitz fis-sena 1941. Fuq in-naħa tax-xellug naraw żewġ figuri oħra ma' ġenb il-Madonna. Naraw lill-Beatu Ġwanni Duns Skotu (li bħall- Beatu Maximilian ma' għandux dijadema). Huwa kien difensur qalbieni kbir ta' l-Immakulata. Fil-fatt wasal biex il-Papa Piju IX, imdawwal mit-tagħlim tiegħu u Franġiskani oħrajn, nhar it-8 ta' Diċembru 1854 ipproklama bħala Domma tal-Fidi 'l-Immakulat Konċepiment' (it-tnissil bla tebgħa ta'dnub) ta' Marija. L-aħħar figura li naraw f'dal-kwadru hija dik ta' San Ġużepp l-għarus ta' Marija u missier putattiv ta' Ġesù. F'idu qed iżomm il-bastun bil-ġilju, simbolu tas-safa.

Dan il-kwadru flimkien mal-kwadru l-ieħor impitter mill-istess pittur u li jinsab fuq l-altar tal-ġenb l-ieħor tal-knisja, u li huwa ddedikat lill-Qalb ta' Ġesù, huma xogħol ta' l-arti mill-isbaħ u addatat ħafna għal ma' l-istil tal-knisja.

